# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**meħuda b'akkordju komuni mal-President elett tal-Kummissjoni**

**tal-4 ta' Diċembru 2009**

**li tadotta l-lista ta' persuni oħra li huwa jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni**

(2009/903/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3), (4) u (7) tiegħu, it-tieni subparagrafu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106 (a) tiegħu,

Billi:

(1) Iċ-ċirkostanzi relatati mal-proċess ta' ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona wasslu biex il-Kummissjoni maħtura fit-22 ta' Novembru 2004 baqgħet fil-funzjoni wara l-31 ta' Ottubru 2009, sakemm twettaq il-proċess tal-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif modifikat bit-Trattat ta' Lisbona.

(2) Kummissjoni ġdida, li tikkonsisti minn ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru, inklużi l-President tagħha u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandha tiġi maħtura għall-perijodu sal-31 ta' Ottubru 2014.

(3) Il-Kunsill Ewropew innomina lis-Sur José Manuel DURÃO BARROSO bħala l-persuna proposta lill-Parlament Ewropew bħala President tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew eleġġa l-kandidat hekk innominat.

(4) F'konformità mal-Artikolu 18(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa kompitu tal-Kunsill Ewropew, bil-qbil tal-President tal-Kummissjoni, li jaħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

(5) Il-Kunsill għandu jadotta, b'akkordju komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, il-lista ta' persuni oħra li huwa jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni għall-perijodu sal-31 ta' Ottubru 2014.

(6) F'konformità mal-Artikolu 17(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Membri l-oħra tal-Kummissjoni ser ikunu soġġetti, bħala kulleġġ, għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew.

ADOTTA DIN ID-DECIZJONI:

*Artikolu 1*

B'akkordju komuni mas-Sur José Manuel DURÃO BARROSO, il-President elett tal-Kummissjoni, il-Kunsill jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni Ewropea, għall-perijodu sal-31 ta' Ottubru 2014, il-persuni li ġejjin:

Is-Sur Joaquín ALMUNIA AMANN

Is-Sur László ANDOR

Is-Sur Michel BARNIER

Is-Sur Dacian CIOLOŞ

Is-Sur John DALLI

Is-Sinjura Maria DAMANAKI

Is-Sur Karel DE GUCHT

Is-Sur Štefan FÜLE

Is-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN

Is-Sur Johannes HAHN

Is-Sinjura Connie HEDEGAARD

Is-Sinjura Rumiana JELEVA

Is-Sur Siim KALLAS

Is-Sinjura Neelie KROES

Is-Sur Janusz LEWANDOWSKI

Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM

Is-Sur Günther H. OETTINGER

Is-Sur Andris PIEBALGS

Is-Sur Janez POTOČNIK

Is-Sinjura Viviane REDING

Is-Sur Olli REHN

Is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

Is-Sur Algirdas Gediminas ŠEMETA

Is-Sur Antonio TAJANI

Is-Sinjura Androulla VASSILIOU

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi trasmessa lill-President tal-Parlament Ewropew.

Hija għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. BJÖRLING